## 106. Pieni aktar ħorox għar-reati l-aktar gravi

Biex int isserraħ rasek aktar dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità, jiżdiedu l-pieni għall-aktar reati gravi fejn dan l-aħħar inħass li ma saritx ġustizzja xierqa. Fosthom, għal serq aggravat bil-vjolenza, b'mod partikolari *hold-ups*, għal dawk misjuba ħatja ta' reati sesswali kontra t-tfal, b'reati ta' vjolenza kontra l-anzjani, għal dawk misjuba ħatja b'reati ta' korruzzjoni u għal persuni li jgħinu fit-traffikar tal-persuni. F'dawn il-każi, jiġi eskluż l-għoti ta' *probation* u sentenzi sospiżi.

## 107. Konfiska tal-beni u assi ġġenerati minn attività kriminali

Tiddaħħal liġi sabiex beni u assi li jirriżultaw minn attivitajiet kriminali, inkluż korruzzjoni, jiġu kkonfiskati u mpoġġija f'fond speċjali li jintuża biex jiffinanzja proġetti soċjali. B'dan il-mod il-kriminalità u min iwettaqha tista' tibda tħallas għall-ħsara li tagħmel lis-soċjetà.